3. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimata tissodisfa l-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi jirrevedi l-kera pagabbli mill-intimata għar-rigward tal-fond numru 95, Triq il-Kappillan Carlo Manchè, il-Gżira, għal ammont sa 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond imsemmi fl-1 ta' Jannar 2021, u jikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lill-esponenti l-kera riveduta bl-istess skadenzi kurrenti jew b'modalitajiet differenti li dan il-Bord jista' jistabbilixxi fid-diskrezzjoni tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li tibqa' ngunta minn minn issa għas-subizzjoni u b'rizerva għal kull azzjoni oħra kompetenti lill-esponenti inkluż għad-danni, jekk ikun il-każ.

rikorrenti: Darren Grima, 24, Marzenie, Triq ta' Gokondu, Swieqi.

intimata: Maria sive Marthese Aquilina – 95, Triq il-Kappillan Carlo Manchè, Gżira.

Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Darren Grima vs Maria sive Marthese Aquilina, rikors numru 45/2022LC jinsab differit għat-18 ta' Mejju 2022 fil-11.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Mejju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. In the event that this Board finds that the respondent does not meet the criteria of the means test for income and capital:

a. Dissolve the lease in favour of the respondent of the premises number 95, Triq il-Kappillan Carlo Manchè, Gżira;

b. give the respondent a period of time, not exceeding two years to vacate the premises and release its vacant possession in good condition to the applicant;

c. establish the rent payable by the respondent to the applicant for the occupation of the premises during the said period.

3. In the event that this Board finds that the respondent meets the criteria of the means tests for income and capital, revise the rent payable by the respondent in relation to the premises number 95, Triq il-Kappillan Carlo Manchè, Gżira to the amount up to 2% per annum of the free and open market value of the premises on the 1st January 2021 and order the respondent to pay the applicant the revised rent, with the same current installments or in a different manner which this Board might establish at its discretion..

With costs against the respondent who is hereby summoned so that a reference to her oath be made and reserving any other action by the applicant including those for damages as the case may be.

Applicant: Darren Grima, 24, Marzenie, Triq ta' Gokondu, Swieqi.

Respondent: Maria sive Marthese Aquilina, 95, Triq il-Kappillan Carlo Manchè, Gżira.

Housing Authority

The application in the names Darren Grima vs Maria sive Marthese Aquilina, Application Number 45/2022LC has been postponed for hearing to the 18th May 2022 at 11.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 6th May 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

768

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' April 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors ġenerali fl-ismijiet Zsanett Balzan vs Keith Balzan Rikors Ġuramentat Nru 110/2022AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-

By means of a decree of the 20th April 2022 of the Civil Court (Family Section), in the records of the General Application in the names Zsanett Balzan vs Keith Balzan, Application Number 110/2021AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the

intimat Keith Balzan a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors ġenerali fl-ismijiet Zsanett Balzan (KI 278137A) vs Keith Balzan (KI 449888M), ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fl-24 ta' Frar 2022, ir-rikorrenti Zsanett Balzan (KI 278137A) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tawtorizza lil esponenti tigbor il-passaport tal-minuri -omissis- mill-Identity Malta waħedha mingħajr il-ħtieġa ta' firma jew kwalunkwe dokument tal-missier intimat, u żżommhom fil-pussess tagħha.

2. Tawtorizza lill-esponetni biex meta l-passaporti tal-minuri – omissis- jiskadu, tapplika waħedha għal passaporti tagħhom mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-missier intimat, tiġborhom waħedha mingħajr il-ħtieġa tal-permess tiegħu u żżommhom fil-pussess tagħha.

U dan salv provvedimenti ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) – Onor Imħallef Antonio G Vella LL.D.

Rik Gur Nru 110/2022AGV

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-24 ta' Frar 2022;

Tordna n-notifika lill-kontro-parti b'ħamest (5) ijiem żmien utili għar-risposta.

Illum 1 ta' Marzu 2022.

rikorrenti: 93, Triq il-Latmija, Mġarr.

Notifika: Keith Balzan – Bukkett, Triq Carlo Darmanin, il-Mosta.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 6 ta' Mejju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a general application in the names Zsanett Balzan (ID 278137A) vs Keith Balzan (ID 449888M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 24th February 2022, the applicant Zsanett Balzan (ID 278137A) requested this Honourable Court to:

1. Authorise the applicant to collect the passports of the minors -omissis - from Identity Malta on her own without the need for a signature or any other document from the defendant, and keep them in her possession;

2. Authorise the applicant to apply for a new passport for the minors -omissis- when the present ones have expired without the need of a signature from the defendant, collect them on her own without the need of permission from him and keep them in her possession.

This save ulterior provisions which the Honourable Court may deem appropriate and necessary.

Civil Court (Family Section) – The Honourable Judge Antonio G Vella LL.D.

Sworn Application No 110/2022AGV

The Court,

Having seen the application dated 24th February 2022;

Orders service on the other party, who is to file a reply within five (5) working days.

Today 1st March 2022.

applicant: 93, Triq il-Latmija, Mġarr.

Notification: Keith Balzan – Bukkett, Triq Carlo Darmanin, Mosta.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 6th May 2022,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

769

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Jannar 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Malika Rezkini vs Stephane Jean-Paul Henri Padierna Rikors Ġuramentat Nru 216/2021AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Stephane Jean-Paul Henri Padierna a tenur tal-

By means of a decree of the 19th January 2022 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Malika Rezkini vs Stephane Jean-Paul Henri Padierna, Application Number 216/2021AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Stephane Jean-Paul Henri Padierna in

Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors Ġuramentat fl-ismijiet Malika Rezkini (KI 108132A) vs Stephane Jean-Paul Henri Padierna (KI 108143A), ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fit-2 ta' Settembru 2021, ir-rikorrenti Malika Rezkini talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tawtorizza li jiġi emendat il-kuntratt ta' kura u kustodja kkuntrattat bejn il-partijiet nhar is-6 ta' Settembru 2019 fl-aħjar interess tal-minuri;

2. Tordna li klawsola 1 tal-kuntratt tiġi emendata billi l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' konġunta bejn iż-żewġ partijiet bir-residenza ordinarja tal-minuri tibqa' mal-omm, b'dan illi l-minuri jirrisjedi ġewwa Franza;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tikteb lill-minuri ġewwa skola fYutz Franza bl-isem Ecole Elemntaire Charles Peguy bl-indirizz 101, Grand'rue, 57970 Yutz u tħassar klawsola 2.2 tal-kuntratt fejn il-partijiet kienu qablu li l-minuri jattendi l-Kulleġġ ta' Saint Edwards fil-Birgu;

4. Tawtorizza l-emendi ta' klawsoli 4 u 5 tal-kuntratt, li fihom hemm stipulat id-dritt tal-intimat għal aċċess għal minuri, u tordna aċċess tal-intimat għal minuri adegwat, fl-aħjar interess tal-minuri, tenut kont tal-fatt li l-intimat ser jibqa' jirrisjedi ġewwa Malta;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil-intimat fl-eventwali kontuaci;

6. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreġistra l-att relattiv fir-Reġistru Pubbliku għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

U dan salv provvedimenti ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż.

rikorrenti: Moonstone B11, Triq il-Btieti, Marsaskala.

Intimat: 22, Mapilu Court Maisonette 1, Triq ix-Xiber, Swieqi.

Ir-rikors Ġuramentat fl-ismijiet Malika Rezini vs Stephane Jean-Paul Henri Padierna, rikors numru 216/2021AL jinsab differit għat-18 ta' Mejju, 2022 fid-9.15a.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 6 ta' Mejju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of a Sworn application in the names Malika Rezkini (ID 108132A) vs Stephane Jean-Paul Henri Padierna (ID 108143A), filed in the Civil Court (Family Section), on the 2nd September 2021, the applicant Malika Rezkini requested this Honourable Court to:

1. Authorise that the care and custody agreement contracted between the parties on the 6th of September 2019 is amended in the best interests of the minor;

2. Order that clause 1 of the contract is amended in order for the care and custody of the minor to remain joint between the parties with the ordinary residence of the minor to remain with the mother, this so that the minor resides in France;

3. Authorise the applicant to enrol the minor at a school in Yutz, France, with the name Ecole Elementaire Charles Peguy and address 1010, Grand'rue, 57970 Yutz and revoke clause 2.2 of the contract where the parties had agreed that the minor attends St Edward's College in Birgu;

4. Authorise the amendments of clauses 4 and 5 of the contract, where the right of the respondent to access of the child is stipulated and order that there is adequate access of the respondent to the minor, in the best interest of the minor, keeping in mind that the respondent shall remain residing in Malta;

5. Nominate a Notary Public to publish the relative act and deputy curators to represent the respondent in the eventuality that he remains contumacius;

6. Authorise the applicant to register the relative act in the Public Registry for all purposes and effects of the law.

This save ulterior provisions which the Honourable Court may deem appropriate and necessary in the circumstances.

With expenses.

applicant: Moonstone B11, Triq il-Btieti, Marsascala.

Respondent: 22, Mapilu Court Maisonette 1, Triq ix-Xiber, Swieqi.

The application in the names Malika Rezkini vs Stephane Jean-Paul Henri Padierna, Application Number 216/2021AL has been postponed for hearing to the 18th May, 2022 at 9.15a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 6th May 2022,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

770

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Marzu 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet John Buttigieg et vs Emanuel Bartolo Rikors Nru 26/2022JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Emanuel Bartolo a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet John Buttigieg (KI 577545M), Rose Marie mart Joseph Brincat (KI 673446M), Emmanuel Buttigieg (KI 491548M), Carmen mart Joseph Houlton (KI 812950M), Monica mart Armando sive Herman Magro (KI 193553M), Matthew Wismayer (KI 0122072M), Rachel Calleja Wismayer mart Stephen Calleja (KI 173474M), John Joseph Bezzina (KI 392581M) u Julie Anne mart Norbert Friggieri minnu legalment separata (KI 534777M) vs Emanuel Bartolo ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-14 ta' Jannar 2022, ir-rikorrenti John Buttigieg et esponew bir-rispett:

Illi huma jikru lill-intimat il-ħanut 199a) St Joseph High Road, Ħamrun bil-kera ta' €768 kull tliet xhur li titħallas bil-quddiem l-ewwel skadenza fit-12 ta' Marzu 2022;

Illi l-intimat ilu jżomm dan il-ħanut għal bosta xhur magħluq u wkoll svojta l-merkanzija minnu.

Illi dan in-non usu tal-ħanut jammonta għal bdil ta' destinazzjoni li għaliha ġie mikri dan il-fond;

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu lil dan il-Bord sabiex jawtorizzhom li ma jġeddux il-kirja tal-istess ħanut lill-intimat u li jordna lill-istess intimat jiżgombra mill-istess fond fi żmien qasir u perentorju li jiġi mogħti lilu minn dan il-Bord.

rikorrenti: 653, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun.

Intimat: Emanuel Bartolo, 85, Hyde Park, Flat 4, Triq il-Qalb Imqaddsa, Ħaż-Żabbar.

Ir-rikors fl-ismijiet John Buttigieg et vs Emanuel Bartolo, rikors numru 26/2022JD jinsab differit għall-20 ta' Ġunju 2022 fl-10.30a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Mejju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 30th March 2022 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names John Buttigieg et vs Emanuel Bartolo, Application Number 26/2022JD, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Emanuel Bartolo in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names John Buttigieg (ID 577545M), Rose Marie wife of Joseph Brincat (ID 673446M), Emmanuel Buttigieg (ID 491548M), Carmen wife of Joseph Houlton (ID 812950M), Monica wife of Armando sive Herman Magro (ID 193553M), Matthew Wismayer (ID 0122072M), Rachel Calleja Wismayer wife of Stephen Calleja (ID 173474M), John Joseph Bezzina (ID 392581M) and Julie Anne wife of Norbert Friggieri legally seperated from him (ID 534777M) vs Emanuel Bartolo filed before the Rent Regulation Board, on the 14th January 2022, the applicant John Buttigieg et requested this Honourable Board:

That the applicants lease to the respondent the shop 199a) St Joseph High Road, Ħamrun at the rent of €768 which is payable in advance every three months, the first installment falling due on the12th March 2022;

That the respondent has kept this shop closed for several months and also emptied the goods from it;

That this non use of the shop amounts to a change of use for which this premises were leased;

The applicants therefore request this Board to authorise them not to renew the lease of the same shop to the respondent and to order the same respondent to vacate the same premises within a short and peremptory time granted to him by this Board.

Applicants: 653, Triq il-Kbira, San Ġużepp, Ħamrun.

Respondent: Emanuel Bartolo – 85 Hyde Park, Flat 4, Triq il-Qalb Imqaddsa, Ħaż-Żabbar.

The application in the names John Buttigieg et vs Emanuel Bartolo, Application Number 26/2022JD has been postponed for hearing to the 20th June 2022 at 10.30a.m.

Registry of the Superior Courts, today 6th May 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

771

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' April 2022 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Longbow Limited (C3666) ta' 22, Owen Buildings, Office no 3, Triq l-Aħwa Zammit, Ħal Qormi QRM 3425, ppreżentaw talba fis-26 ta' Ottubru 2021 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Suda Entertainments Ltd (C43427) ta' Vault 16, Pinto Wharf, Valletta Waterfront, il-Belt Valletta, sabiex tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €5,942.00 liema ammont huwa dovut lill-kumpanija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Rikors Nru 289/2021MLF) tinsab differita għall-25 ta' Mejju 2022 fid-9.30a.m.

Notifika: Suda Entertainments Ltd (C43427) ta' Vault 16, Pinto Wharf, Valletta Waterfront, il-Belt Valletta.

Reġistru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) illum 6 ta' Mejju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 27th April 2022, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Longbow Limited (C3666) of 22, Owen Buildings, Office no 3, Triq l-Aħwa Zammit, Ħal Qormi QRM3425, filed a Claim on the 26th October 2021, whereby they asked the Court to condemn Suda Entertainments Ltd (C43427) of Vault 16, Pinto Wharf, Valletta Waterfront, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of €5,942.00 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Application Number 289/2021MLF) is postoned for hearing for the 25th May 2022 at 9.30a.m.

Notification: Suda Entertainments Ltd (C43427) of Vault 16, Pinto Wharf, Valletta Waterfront, Valletta

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th May 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

772

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta' April 2022 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) fil-konfront ta Meet Leisure Company Limited.

Charles Grech & Company Limited (C2473) ta' Valley Road, Msida, ppreżentaw talba fil-15 ta' Frar 2021 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Meet Leisure Company Limited (C50516) ta' Nru 3, Triq l-Għomor, San Ġiljan u Dr Benjamin Valenzia kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Gary Richard Hinks, sabiex jħallsu lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €5915.85 liema ammont huwa dovut lill-kumpanija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Rikors Nru 38/2021RM) tinsab differita għat-23 ta' Mejju 2022 fid-9.15a.m.

Notifika: Meet Leisure Company Limited (C50516) ta' No 3, Triq l-Għomor, San Ġiljan.

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 13th April 2022, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the company Meet Leisure Company Limited in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

Charles Grech & Company Limited (C2473) of Valley Road, Msida, filed a Claim on the 15th February 2021, whereby they asked the Court to condemn Meet Leisure Company Limited (C50516) of No 3, Triq l-Għomor, San Ġiljan and Dr Benajmin Valenza as deputy curator of the absent Gary Richard Hinks, to pay the plaintiff company the sum of €5915.85 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Application Number 38/2021RM) is postoned for hearing for the 23rd May 2022 at 9.15a.m.

Notification: Meet Leisure Company Limited (C50516) of No 3, Triq l-Għomor, San Ġiljan

Reġistru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) illum 6 ta' Mejju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th May 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

773

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fis-6 ta' April 2022, fuq talba tal-Avukat Dottor Luigi A Sansone bħala mandatarju speċjali ta' Hugo Boss Trade Mark Management GmbH & Co KG ġie ordnat sabiex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Ocean Angel Freight Limited, Communication Way Company for Import Clothes u Fathi Mohamed Salah, fl-atti tar-Rikors numru 272/2022 MCH, fl-ismijiet Avukat Dr. Luigi A. Sansone noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. (KI 258269 M) bħala mandatarju speċjali ta' Hugo Boss Trade Mark Management GmbH & Co. KG soċjetà estera organizzata taħt il-liġijiet tal-Ġermanja u b'indirizz ta' Dieselstrasse 12, 72555 Metzingen Ġermanja vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil (1) Ocean Angel Freight Limited, entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' House 26 Road 02, Block L Banani, Dhaka, Bangladesh u b'indikazzjoni ulterjuri ta' A/C Siddiqui Fabrics; (2)Communication Way Company for Import Clothes entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' Alhadaeq, Dubai Street, Bengali-Libya u (3) Fathi Mohamed Salah, individwu b'indikazzjoni ta' indirizz ta' Alhadaeq Dubai Street, Bengali-Libya u b'indikazzjoni ulterjuri ta' Cell:+218925106226, fid-29 ta' Marzu 2022, ir-rikorrenti Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons)LL.D. (KI 258269M) bħala mandatarju speċjali ta' Hugo Boss Trade Mark Management GmbH & Co KG soċjetà estera organizzata taħt il-liġijiet tal-Ġermanja u b'indikrizz ta' Dieselstrasse 12, 7255 Metzingen, Ġermanja talab lil din l-Onorabbli Qorti,

1. tiddikjara li d-dħul mingħajr rilaxx għal ċirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerċ bejn il-konvenuti f'kwantità ta' boxer shorts (ġewwa materjal tal-imballaġġ) li kollha għandhom fuqhom trademarks identiċi għal – jew li ma jistgħux jintgħarfu fl-aspetti essenzjali tagħhom minn – dawk tas-soċjetà attriċi debitament irreġistrati dwar l-istess oġġetti bħala trademarks tal-Unjoni Ewropea bin-numri 000049221, 000049254 u 002860377 kif ukoll trademark

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 6th April 2022, following a request of Advocate Doctor Luigi A Sansone as special mandatory of Hugo Boss Trade Mark Management GmbH & Co KG it was ordered that deputy curators be chosen to represent Ocean Angel Freight Limited, Communication Way Company for Import Clothes and Fathi Mohamed Salah, in the records of the Sworn Application 272/2022 MCH, in the names Advocate Dr. Luigi A. Sansone noe vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Application, filed, in the Civil Court First Hall, in the names Advocate Doctor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. (ID 258269 M) as special mandatory of Hugo Boss Trade Mark Management GmbH & Co KG foreign company organised under the German laws and with address Dieselstrasse 12, 72555, Metzingen, Germany vs deputy curators to represent (1) Ocean Angel Freight Limited, foreign company with and indication of address of House 26 Road 02, Block L Banani, Dhaka, Bangladesh and with further indication of A/C: Siddiqui Fabrics; (2) Communication Way Company For Import Clothes, foreign company with an indication of address of Alhadaeq, Dubai Street, Bengali-Libya and (3) Fathi Mohamed Salah, a person, with an indication of address of Alhadae, Dubai Street, Bengali- Libya and futher indication of Cell: +218925106226, on the 29th March 2022, the applicant Advocate Doctor Luigi A Sansone LL.B. (Hons) LLD (ID 258269M) as special mandatory of Hugo Boss Trade Mark Management GmbH & Co. KG foreign company organised under the German laws and with address of Dieselstrasse 12, 72555 Metzingen, Germany asked this Honourable Court;

1. to declare that the entry without free release for circulation in Malta in the course of business between the defendants of a quantity of boxer shorts (in packaging material) which all of them have identical trademarks to or which cannot be distinguished in their essential aspects – from that of the plaintiff company and duly registered regarding the same products as European Union trademarks with numbers 000049221, 000049254 and 002860377 and

Internazzjonali bin-numru 0754225 li tiddesinja l-Unjoni Ewropea u trademarks ta' Malta bin-numri 19324 u 22360 rispettivament, liema oġġetti kollha jinsabu preżentement mizmuma taħt l-awtorità tad-Direttur Generali (Dwana) wara li huwa kien sab li l-container APZU3869569 kien jikkontjenihom, jikkontravvjeni d-drittijiet ta' proprjetà intelletwali tas-soċjetà attriċi fir-rigward ta' dawk l-istess trademarks tal-Unjoni Ewropea bin-numri 000049221, 000049254 u 002860377 kif ukoll trademark Internazzjoni bin-numru 0754225 li tiddesinja l-Unjoni Ewropea u tat-trademarks ta' Malta bin-numri 19324 u 22360 rispettivament;

2. tiddikjara li l-istess oġġetti u ċjoè l-kwantità ta' boxer shorts (ġewwa materjal tal-imballaġġ) li kollha għandhom fuqhom diversi trademarks identiċi għal – jew li ma' jistgħux jintgħarfu fl-aspett essenjali tagħhom minn – dawk tas-soċjetà attriċi debitament irreġistrati dwar l-istess oġġetti bħala trademarks tal-Unjoni Ewropea bin-numri 000049221, 000049254 u 002860377 kif ukoll bħala trademark Internazzjoni bin-numru 0754225 li tiddesinja l-Unjoni Ewropea u trademarks ta' Malta bin-numri 19324 u 22360 rispettivament, huma oġġetti falsifikati;

3. tordna lid-Direttur Ġenerali (Dwana) li jiddistruġġi dawk l-oġġetti fi żmien qasir u perentorju mingħajr ebda kumpens lill-konvenuti u għas-spejjeż tagħhom;

4. Tieħu, jew tordna lid-Direttur Generali (Dwana) li jieħu dwar dawk l-oġġetti kull mizura oħra li biha huma jitneħħew definittivament miċ-ċirkolazzjoni fis-sistemi ezistenti tal-kummerċ u l-konvenuti jiġu mċaħħda mill-benefiċċji ekonomici tat-tranżazzjoni;

5. Tordna li l-konvenuti għandhom ibatu l-ispejjeż l-oħra kollha konnessi ma' din il-kawża, inklużi l-ispejjeż in konnessjoni mal-mizuri ordnati ai termini tat-tielet u tar-raba' talbiet attriċi fosthom dawk tal-identifikazzjoni u tal-għadd tal-imsemmija oġġetti, tat-trasport tagħhom għall-lok tal-ħażna, tal-ħażna stess, tat-trasport tagħhom mill-lok tal-ħażna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni tal-attendenza waqt id-distruzzjoni u tat-tneħħija tal-iskart iġġenerat mill-istess distruzzjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. (KI 258269 M) bħala mandatarju speċjali ta' Hugo Boss Trade Mark Management Gmbh &Co KG, soċjetà estera registrata taħt il-liġijiet tal Ġermanja u b'indirizz ta' Dieselstrasse 12, 72555 Metzingen, Ġermanja 84-85 Triq Melita, Valletta, VLT 1120.

Notifiki tal-Konvenuti:Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil (1) Ocean Angel Freight Limited,

also Internation trademark with number 0754225 that is designed by the European Union and Maltese trademarks with numbers 19324 and 22360 respectively, which objects are all presently held under the authority of the Director General (Customs) after he found that the container APZU3869569, which held them, contravene the rights of intellectual property of the plaintiff company as regards the same registered trademarks of the European Union numbers 000049221, 000049254 and 002860377 and also Internation trademark with number 0754225 that is designed by the European Union and Maltese trademarks with numbers 19324 and 22360 respectively;

2. declare that the same objects and namely a quantity consisting of a quantity of boxer shorts (in packaging material), which all of them have several identical trademarks to or which cannot be distinguished in their essential aspects - from that of the plaintiff company duly registered regarding the same products as trademarks of the European Union with numbers 000049221, 000049254 and 002860377 and also Internation trademark with number 0754225 that is designed by the European Union and Maltese trademarks with numbers 19324 and 22360 respectively are falsified objects;

3. order the Director General (Customs) to destroy those objects within a short and peremptory period without any compensation to the defendants and at their expense;

4. take or order the Director General (Customs) to take as regards those objects any other measure in virtue of which they be removed definitely from circulation in the existing systems of commerce and the defendant be deprived from the economic benefits of the transaction.

5. order that the defendants are to bear all the other costs in connection with this lawsuit including the costs in connection with the measures ordered in terms of the third and fourth demands of the plaintiffs amongst which those of identification and numbering of the said objects of their transport from the place of storage, the same storage, the transport from the place of storage to their eventual destruction, to the attendance of the destruction and to the removal of the waste generated from the same destruction.

With costs, against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made.

Applicant noe. Advocate Doctor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) L.L.D. (ID 258269M) as special mandatary of Hugo Boss Trade Mark Management GmbH & Co KG foreign company organised under the German laws and with address Dieselstrasse 12, 72555, Metzingen, Germany - 84-85 Triq Melita, Valletta VLT 1120.

Notify the Defendants: Deputy Curators to represent (1) Ocean Angel Freight Limited, foreign company with

entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' House 26 Road 02, Block L Banani, Dhaka, Bangladesh u b'indikazzjoni ulterjuri ta' A/C Siddiqui Fabrics; (2)Communication Way Company for Import Clothes entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' Alhadaeq, Dubai Street, Bengali-Libya u (3) Fathi Mohamed Salah, individwu b'indikazzjoni ta' indirizz ta' Alhadaeq Dubai Street, Bengali-Libya u b'indikazzjoni ulterjuri ta' Cell:+218925106226 Il-Qorti, Valletta (żewġ kopji).

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b' dan lil kull min irid jidhol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidhol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri, hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' Onor Imhallef Toni Abela LL.D., Duttur tal-Ligi.

Illum 6 ta' April 2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Mejju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

and indication of address of House 26 Road 02, Block L Banani, Dhaka, Bangladesh and with further indication of A/C: Siddiqui Fabrics; (2) Communication Way Company For Import Clothes, foreign company with an indication of address of Alhadaeq, Dubai Street, Bengali-Libya and (3) Fathi Mohamed Salah, a person, with an indication of address of Alhadae, Dubai Street, Bengali- Libya and futher indication of Cell: +218925106226. Courts of Justice, Valletta (two copies).

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela LL.D. ,Doctor of Laws.

Today 6th April 2022.

Registry of the Superior Courts, today 6th May 2021.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

774

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fl-01 ta' Frar, 2022, fuq rikors ta' Juliette Tango Holdings Limited (C 49462) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 23 ta' Ġunju, 2022 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

1. Penthouse sitwata fl-ogħla livell ta' bini bl-arja tagħha, magħrufa bħala appartament numru disgħa (9) u formanti parti mill-blokk ta' bini bl-isem Horizon Court, aċċessibbli l-istess penthouse mill-entratura magħrufa bħala Horizon Block B, sovrastanti l-istess penthouse proprjetà ta' terzi, u stmata li tiswa tliet mija u sebgħin elf ewro (€370,000).

2. Penthouse sitwata fl-ogħla livell ta' bini bl-arja tagħha, magħrufa bħala appartament numru għaxra (10) u formanti parti mill-blokk ta' bini bl-isem Horizon Court, aċċessibbli

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 01st February, 2022, on the application of Juliette Tango Holdings Limited (C 49462), Thursday, 23rd June, 2022 at half past ten in the morning (10:30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Penthouse situated on the highest part of the building with its own airspace, known as appartment number nine (9) and forming part of the building block named 'Horizon Court', the said penthouse is accessible from entrance known as Horizon Block 'B', overlying third party property and valued at three hundred and seventy thousand euro (€370,000).

2. Penthouse situated on the highest part of the building with its own airspace, known as apartment number ten (10) and forming part of the building block named 'Horizon

l-istess penthouse mill-entratura magħrufa bħala Horizon Block B, sovrastanti l-istess penthouse proprjetà ta' terzi u stmata li tiswa erba' mija u ħamsin elf ewro (€450,000).

Il-penthouse magħrufa bħala appartament numru disgħa (9) u l-penthouse maghrufa bħala appartament numru għaxra (10) huma soġġetti għas-servitujiet inerenti u riżultanti mill-pożizzjoni tagħhom fil-blokk u jgawdu d-dritt ta' użu perpetwu, mhux interrott u trasferibbli lil terzi tal-partijiet komuni tal-blokk, inkluż il-lifts, entratura, taraġ u dawk il-partijiet u s-servizzi kollha intiżi għall-użu komuni u bid-dritt tas-sidien tal-proprjetajiet sottostanti li jaċċedu għall-arja tal-istess penthouse f'ħinijiet raġjonevoli u wara pre-avviż għal skopijiet ta' manutenzjoni u riparazzjoni, u bid-dritt ukoll ta' installazzjoni u manutenzjoni ta' tank tal-ilma ta' ħames mitt (500) litru fuq l-għola bejt u television aerial jew satellite dish komuni.

3. Il-Garaxx magħruf bħala garaxx numru sebgħa (7) fil-livell magħruf bħala upper basement level fi Triq iż-Żafran, Marsaskala u stmat li jiswa ħamsin elf ewro (€50,000).

4. Il-Garaxx magħruf bħala garaxx numru tmienja (8) fil-livell magħruf bħala upper basement level fi Triq iż-Żafran, Marsaskala u stmat li jiswa tletin elf ewro (€30,000).

5. Il-Garaxx magħruf bħala garaxx numru għaxra (10) fil-livell magħruf bħala lower basement level fi Triq iż-Żafran, Marsaskala u stmat li jiswa tlieta u tletin elf ewro (€33,000).

6. Il-Garaxx magħruf bħala garaxx numru tnax (12) fil-livell magħruf bħala lower basement level fi Triq iż-Żafran, Marsaskala u stmat li jiswa ħamsa u tletin elf ewro (€35,000).

Il-garaxxijiet numri sebgħa (7), tmienja (8), għaxra (10) u tnax (12) igawdu d-dritt ta' użu perpetwu, mhux interrott u transferibbli lil terzi tal-partijiet komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet u huma soġġetti għas-servitujiet inerenti u riżultanti mill-pożizzjoni tagħhom.

Il-proprjetà immobbli hawn fuq elenkata tifforma parti minn żvilupp akbar konsistenti f'garages, maisonettes, appartamenti u penthouses mingħajr numru uffiċjali iżda l-istess kumpless ta' bini magħruf bl-isem "Horizon Court" u bl-indirizz Block B, fi Triq iż-Żafran, Marsaskala.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alpha Investments Limited (C 44302).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 2/2022.

Court', the said penthouse is accessible from entrance known as Horizon Block 'B', overlying third party property and is valued at four hundred and fifty thousand euro (€450,000).

The penthouse known as apartment number nine (9) and the penthouse known as apartment number ten (10) are subject to inherited servitudes and resulting from their position in the block and enjoys the right of perpetual use and uninterrupted and transferable to third parties of the block common parts, including the lifts, entrance, stairs, and all those parts and services intended for the common use and with the right of the underlying property owners to accede to the air of the same penthouses in reasonable hours and after pre-notice for maintenance and repair purposes, and also with the right of installation and maintenance of a water tank of five hundred (500) litre on the highest roof and common television aerial or satellite dish.

3. Garage known as garage number seven (7) at the level known as the upper basement level, in Triq iż-Żafran, Marsaskala and is valued at fifty thousand euro (€50,000).

4. Garage known as garage number eight (8) at the level known as the upper basement level, in Triq iż-Żafran, Marsaskala and is valued at thirty thousand euro (€30,000).

5. Garage known as garage number ten (10) at the level known as the lower basement level in Triq iż-Żafran, Marsaskala and is valued at thirty three thousand euro (€33,000).

6. Garage known as garage number twelve (12) at the level known as the lower basement level in Triq iż-Żafran, Marsaskala and is valued at thirty five thousand euro (€35,000).

The garages number seven (7), eight (8), ten (10) and twelve (12) enjoys the right of perpetual use, uninterupted and transferable to third parties of the common parts of the garages complex and are subject to inherited servitudes and resulting from their position.

The immovabble property listed above forming part of a larger development consisting of garages, maisonettes, appartaments and penthouses unofficially numbered however the said complex of buildings is known by the name of "Horizon Court" and with address Block B, in Triq iż-Żafran, Marsaskala.

The said tenement is the property of Alpha Investments Limited (C 44302)

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 2/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 6 ta' Mejju, 2022.

GAETANA AQUILINA
Deputat Registratur Qrati Ċivili u Tribunali.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 6th May, 2022.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

775

AVVIŻ MIR-REĠISTRU TAL-QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Samantha Pace bin-numru tal-karta tal-Identità.110094M, preżenta rikors numru 83/22AGV) fejn talbet il-KORREZZJONI taL-ATT TAT-TWELID ta' Tias Pace 2556/19/21fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 6 ta' Mejju 2022

CETTINA GAUCI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE BY THE REGISTRY OF THE CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Samantha Pace, ID Card Number 110094 M presented an applioation (Number 83/22AGV) demanding corrections in the act of birth of Tias Pace 2556/19 in the Public Registry.-

Whoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

This 6th May 2022

CETTINA GAUCI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

776

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 2022, fl-atti tar-Rikors numru 109/2020/2 fl-ismijiet Mifsud Wilson vs Marika Bonello gia Mifsud et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika ta' avviż tas-smigħ fil-konfront ta' Ryan Dimech a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż ta' Smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri fl-14 ta' Frar 2022 u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawża bejn Wilson Mifsud vs Marika Bonello gia Mifsud et, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar il-Ħamis sbatax (17) ta' Marzu 2022 fid-9.20 am, u differita għal nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju 2022, fid-9.00 am.

Notifika:

RYAN DIMECH, ST PHILIP FARM, Triq Durumblat, Mosta

By order given by the Court of Appeal on 17 March 2022, in the records of the Application number 109/2020/2 in the names Mifsud Wilson v Marika Bonello and Mifsud et, the following publication was ordered for the purpose of service of Ryan Dimech pursuant to Section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By a Notice of Hearing of a cause issued by the Registry of the Superior Courts on 14th February, 2022 and since the written proceedings before the Court of Appeal in the case between Wilson Mifsud vs Marika Bonello formerly Mifsud et have been closed, the Court has set the hearing for this cause for Thursday, seventeen (17) March 2022 at 9:20 am, and deferred to Thursday, May 26, 2022, at 9.00 am.

Notification:

RYAN DIMECH, ST PHILIP FARM, Triq Durumblat, Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 6 ta' Mejju 2022.

AV DR FRANCO BONDIN LL.D., M.JUR.,
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 6th May 2022.

DR. FRANCO BONDIN LL.D., M.JUR.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

777

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Lulju 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

360 Food Imports Limited (C46590) ta' Mdina Road, Zebbug, Malta, ippreżentaw Talba, fit-22 ta' Ġunju 2021, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Portem Tourism Ventures Limited ta' 55/56, Old Theatre Street, Valletta, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2306.61 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 180/2021KCX) hija differita għat-18 ta' Mejju 2022 fis-1.00p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 6 ta' Mejju 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunal

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 7th July 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

360 Food Imports Limited (C 46590) of Mdina Road, Zebbug Malta filed a Claim on the 22nd June 2021 whereby they asked the Tribunal to condemn Portem Tourism Ventures Limited of 55/56, Old Theatre Street, Valletta , to pay the plaintiff company the sum of €2306.61 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 180/2021KCX) is put off on the 18th May 2022 at 1.00p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th May 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

778

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-15 ta' Novembru 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

